Doll 57

## Grech Stephen at Parlament-MT

| | |
|---|---|
| **From:** | Abela Carmelo at Parlament-MT |
| **Sent:** | Friday, 16 August 2024 13:24 |
| **To:** | Grech Stephen at Parlament-MT |
| **Cc:** | Scerri Eleanor at Parlament-MT; DeGiovanni Katya at Parlament-MT; Cachia Naomi 3 at Parlament-MT |
| **Subject:** | Talba għal-laqgħa b'urġenza |

Għażiż Stephen,

Nitolbok tgħaddi din ir-risposta t'hawn taħt lill-membri kollha taż-żewġ kumitati, kif ukoll lill-whip tal-oppożizzjoni. Grazzi.

*Onor Robert Cutajar MP*
*Whip tal-Oppożizzjoni*

*16 t'Awwissu 2024*

*Kollega,*

*Aħna hawn taħt iffirmati, Presidenti tal-Kumitati Permanenti Parlamentari dwar il-Familja u l-Affarijiet Soċjali, ħadna nota tat-talba minn naħa tal-Oppożizzjoni, sabiex iż-żewġ kumitati jiltaqgħu b'urġenza b'mod konġunt. Mill-ewwel ninfurmak li qed nilqgħu din it-talba u dan sabiex il-Parlament, permezz ta' dawn iż-żewġ kumitati jkun jista jistħarreġ, fost l-oħrajn, dan li ġej: -*

*Is-sitwazzjoni preżenti u jekk kienx hemm titjib meta mqabbel ma' xi snin ilu, kemm fl-aspett leġislattiv, tal-infurzar, is-servizzi ta' appoġġ fost l-oħrajn.*

*Proposti għal titjib u aġġornament kull fejn jinstab li jkun meħtieġ.*

*Biex jilħaq dawn l-għanijiet u oħrajn li l-membri tal-kumitati jistgħu jissuġġerixxu, għandhom jiġu msejjħa xhieda diversi sabiex fl-aħħar jiġi mhejji u ppreżentat rapport lill-awtoritajiet konċernati.*

*Għaldaqstant qed nissuġġerixxu li tintbgħat lista ta' dawk li l-membri jixtiequ li jiġu mistiedna ħalli jagħtu x-xhieda u l-veduti tagħhom sa nhar it-Tnejn li ġej. L-ewwel laqgħa tal-kumitati konġunt qed tissejjaħ għal nhar l-Erbgħa, 21 t' Awwissu f'ħin li jkun maqbul.*

*Finalment, nixtiequ li nuru s-solidarjeta' tagħna mall-qraba u l-ħbieb tal-vittmi kollha ta' dawn in-nisa li tul is-snin ħajjithom ġiet maħsuda ħesrem.*

*Insellu għalik,*

*Carmelo Abela MP* *Katya Degiovanni MP*

Inselli għalik,